SANTA LUĊIJA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 22-20**

**18 ta' Diċembru 2020**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Kylie D'Amato – Kunsilliera
Terrence Ellul – Kunsillier. Il-Kunsillier Ellul wasal għall-laqgħa fil-5.20p.m

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Liam Sciberras - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa.

**22.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

**22.1.1** Is-Sindku qrat ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Liam Sciberras li talab li jiġi skużat minħabba raġunijiet ta' saħħa.

**22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 21-20 u tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita'**

**22.2.1** ***Tiżjin ta' siġar bil-fairy lights fi żmien il-Milied***

Il-Viċi Sindku irrefera għall-minuta 21.5.1 tal-laqgħa preċedenti u qal li fi Pjazza 7 ta' Lulju għadhom ma sarux il-*fairy lights* mas-siġar.

**22.2.2** ***Ġieħ Santa Luċija***

Il-Viċi Sindku irrefera għall-minuta 21.7 tal-laqgħa preċedenti u qal li l-inizjattiva tal-għoti ta' Ġieħ Santa Luċija għas-sena 2020 kienet suċċess. Huwa qal liċ-ċerimonja kienet waħda sabiħa biss xtaq jirrimarka li kellu jinżamm il-protokol.

**22.2.3** ***Approvazzjoni tal-Minuti***

Il-minuti tal-laqgħa numru 21-20 ġew approvati fuq proposta tas-Sindku Charmaine St John issekondata mill-Viċi Sindku Frederick Cutajar.

**22.2.4** ***Approvazzjoni tal-Laqgħa tal-Lokalita'***

Il-minuti tal-laqgħa numru 21-20 ġew approvati fuq proposta tas-Sindku Charmaine St John issekondata mill-Kunsilliera Kylie D'Amato. Ġie nnutat li din il-Laqgħa ser tibqa fl-istorja bħala l-laqgħa tal-Lokalita' li saret fi żmien ta' Pandemija.

**22.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**22.3.1 Invoice ta' ġbir tal-ħġieġ – talba għal ħlas**

Is-Sindku irreferit għal talba għal ħlas fir-rigward tal-ġbir tal-ħġieġ fil-5 ta' Settembru 2020 liema ħlas ma kienx approvat mill-Kunsill. Hija qalet li l-

Kuntrattur qal li kien ġie l-għada u ġabar kollox u li l-ispiża għal dan is-servizz ser titħallas mill-Wasteserv. Il-Kunsill qabel li jekk din l-ispiża ser tagħmel tajjeb għaliha l-Wasteserv il-Kuntrattur għandu jitħallas.

**22.3.2** ***Appovazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM22-20 għall-perjodu bejn is-26 ta' Ottubru 2020 sas-16 ta' Diċembru 2020 u minn *cheque* numru BOV 8259 sa cheque numru BOV 8268 u minn *Bank Transfer* 84/20 sa 121/20.

**22.4** ***Estimi finanzjarji għas-Sena 2021***

Is-Sinku irreferit għall-estimi finanzjari li ġew ippreżentati waqt il-laqgħa tal-Lokalita' 2020. Hija qalet li diġa ingħatat spegazzjoni ta' dawn l-estimi waqt l-imsemmija laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*final draft* tal-Budget 2021 ser jiġi ippreżentat fil-laqgħa ta' Jannar 2021.

**22.5** **Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**22.5.1** ***Problema tas-siġar fi Triq Bruka***

Is-Sindku infurmat il-Kunsill li fi Triq Bruka hemm problema ta' siġar li waqgħu għar-raġuni li waqt ix-xogħol ta' kisi ta' toroq inqatawlhom l-għeruq u marritilhom is-saħħa. Hija qalet li l-Kunsill qiegħed f'kuntatt ma' Infrastructure Malta fuq din il-problema u ser ikunu qed isiru siġar oħra minn flok dawk li waqgħu.

**22.5.2** ***Segretarju Eżekuttiv – Irtirar mix-xogħol***

Is-Sindku tkellmet dwar l-irtirar mix-xogħol tas-Segretarju Eżekuttiv fl-ewwel ġranet tas-sena 2021. Hija qalet li peress li f'dan il-perjodu iridu jitħejjew il-*financial statements* għas-sena 2020, fuq parir tal-Accountant tal-Kunsill is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibqa taħdem parti mill-Vacational Leave tagħha bi ħlas biex il-*financial statements* jiġu sottomessi fil-ħin stipulat. Il-Kunsill approva din il-proposta.

**22.5.3** ***Attivitajiet għat-Tfal u Adulti fi żmien il-Milied***

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar attivita' għat-tfal fi żmien il-Milied li minħabba l-pandemija tal-Covid 19 kellha tiġi organizzata b'mod differenti milli kien isir is-soltu. Hija qalet li t-tfal qed jintalbu jpinġu jew jiktbu

poeżija u jingħataw riġal zgħir.  Hija qalet ukoll li din l-attivita' ser issir minn fondi lir-Reġjun Nofsinhar ser jagħti għal dan il-għan.

Fir-rigward tal-attivita għall-adulti  hija qalet li ma kienx hemm rispons iżda ser tkun qed tiġi organizzata kompetizzjoni relatata mal-Milied.

**22.5.4** ***Ċirkulari Numru SPI/SCI/7/2020 – Immaniġjar tal-Iskart  - Smart Solutions***

Is-Sindku irreferit għaċ-Ċirkulari hawn fuq imsemmija u saret diskussjoni f'dan ir-rigward. Ġie deċiż li l-Kunsill jistenna ftit qabel joħroġ bi proposta għal din l-iskema. Ġie nnutat ukoll li l-applikazzjoni trid tintbgħat sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Frar 2021.

**22.5.5** ***Ċirkulari Numru SPI/SCI/8/2020 – Espressjoni ta' Interess – Il-Belt jew Raħal Kulturali tas-Sena 2022***

Is-Sindku irreferit għaċ-Ċirkulari  hawn fuq imsemmija.  Ġie deċiż li din il-proposta jaħdmu fuqha il-Viċi Sindku, s-Sur Frederick Cutajar u l-Kunsilliera Kylie d'Amato. Ġie nnutat li l-applikazzjoni trid tintbgħat sa mhux aktar tard minn nhar il-Ħamis, 8 ta' April 2021.

**22.5.6** ***Maintenance Agreement – Website***

Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill *maintenance agreement* biex jiġu mħarġa impjegati tal-Kunsill biex il-*website* tal-Kunsill tinżamm dejjem aġġornata.  Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu biex jiġi iffirmat dan l-*agreement*.

**22.5.7** ***Skema LC Care***

Is-Sindku infurmat li l-Kunsill ressaq talba biex id-*deadline* tal-iskema LC Care ġie estiża u qed jistenna tweġiba.

**22.6** **Preliminary Marketing Consultation (PMC)**

Is-Sindku qalet li id-dokument tal-PMC ġie *updated* u s-Segretarju Eżekuttiv ser tibagħtu d-Dipartiment Għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni qabel jittella' fuq l-epps.

**22.7 Vakanza Segretarju Eżekuttiv – rapport tal-Bord tal-Għażla**

Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Bord tal-Għażla fir-rigrawd tal-vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill ta' Santa Luċija. Hija qalet li l-unika kandidat eleġibbli għal din is-sejħa ma' laħaqx il-*pass mark* waqt l-*interview* li sar fit-30 ta' Novembru 2020. Hija qalet li d-Dipartiment Għal Gvern Lokali ser jiġi infurmat b'dan ir-riżultat.

**22.8 Talba għall-Estenzjoni wara l-eta tal-irtirat**

Is-Sindku ressqet talba tal-Assistent Prinċipal li ipproponiet biex iġġedded l-eta' tal-irtirar mis-27 ta' April 2021 għal Settembru 2021. Qamet diskussjoni u l-Kunsill approva din it-talba u qabel li l-*vacational leave* li baqalha tieħu din l-impjegata trid tieħdu qabel l-aħħar ta' Settembru 2021. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tibda l-proċess biex din it-talba tkun tista' tiġi approvata mid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali.

**22.9 Deputat Segretarju Eżekuttiv - tiġdid**

Is-Sindku qalet li it-terminu tal-Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv wasal biex jiskadi u jrid jiġi mġedded. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu biex dan it-terminu jerġa jiġi mġedded.

**22.10 Nuqqas ta' Attendenza Għall-laqgħat tal-Kunsill**

Is-Sindku qalet li l-Kunsillier Terrence Ellul u l-Kunsillier Liam Sciberras naqsu li jattendu aktar minn terz tal-laqgħat tal-Kunsill imsejjħa fi żmien sitt xhur bejn Lulju u Diċembru 2020. Qamet diskussjoni u l-Kunsillier Ellul qal li fiż-żmien tal-pandemija il-laqgħat kellhom ikunu *online* u filfatt din issa din ġiet valida. Is-Sindku qalet li min mexa' mal-liġi illum qed niddikjarawh assenti u min għamel il-laqgħat *online* issa ġie skond il-liġi. Għaldaqstant fiċ-ċirkustanzi l-Kunsill qabel li għandu jirrakomanda li l-post tal-Kunsilliera Liam Sciberras u Terrence Ellul ma jiġux dikjarati vakanti.

**22.11 Policy Dwar l-Assi tal-Kunsill**

Is-Sindku ippreżentat *policy* dwar assi tal-Kunsill li jitpoġġew għad-dispozzjoni tal-Membri tal-Kunsill bħala għodda għal qadi aħjar tad-dmirijiet tagħhom waqt li jkunu fil-kariġa. Hija qalet li din il-*policy* tapplika wkoll għas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qrat il-*policy* li ġiet imħejjija skond ma ġie diskuss fil-Kunsill fil-laqgħa preċedenti. Il-Kunsill approva din

il-*policy* b'mod unanimu. Kopja tal-*policy* qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

**22.12 Rapporti**

Waqt din il-laqgħa ġew ippreżentati dawn ir-rapporti:

- Rapport ta' kull xahar maħruġ mill-Contract Manager tal-Kunsill li jinkludi rapport għax-xahar ta' Novembru 2020, *Workplan* għax-xahar ta' Diċembru 2020 kif ukoll rendikont tal-ħidma marbuta ma' dan is-servizz għax-xahar ta' Novembru 2020.

**22.13 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**22.13.1** Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-Kunsilliera.

**22.14 Awguri tal-Milied u s-Sena Ġdida**

Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera preżenti taw l-awguri tagħhom lil xulxin kif ukoll lill-kommunita' ta' Santa Luċija kollha. Il-Kunsill irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv li waslet biex tirtira bl-eta' tal-penzjoni tal-ħidma tagħha matul il-ħamsa u għoxrin sena li għamlet taħdem mal-Kunsill ta' Santa Luċija.

**20.15** ***Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss***

Il-laqgħa ntemmet fit-7.45p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis, 21 ta' Jannar 2021 fil-4.45p.m.

**Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2021**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| **Charmaine St John** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |